# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT

# DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA

# LL.D. Dip. Matr. (Can.)

# Rikors Numru: 286/15 CSH

**Bottega del Marmista Limited (C31345)**

**Vs**

**Paul u Carmen konjugi Mifsud**

**Illum 21 ta' Gunju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Bottega del Marmista Limited (C31345)ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2015, fejn l-istess socjeta' talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati Paul u Carmen konjugi Mifsud ihallsuha s-somma ta' ghaxart elef, disgha mija w tnejn u sittin Ewro w hamsa w sebghin centezmu (€10,962.75) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' fornitura u tqeghid ta' irham fil-fond "Alkira", Triq Pietru Caxaro, Naxxar ammontanti ghal sbatax-il elf

disa' mija u sitta u erbghin Ewro (€17,946) (Dok. A) wara li tigi mnaqqsa s-somma ta' sitt elef disa' mija w tlieta u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin Ewro centezmi (€6983.25) dovuti lill-intimata Carmen Mifsud mis-socjeta' attrici ghal reklamar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali (numru 590/2014) tat-8 ta' April, 2014, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju tal-lum, u bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati, minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

"1. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu ukoll rigettati bl-ispejjez stante li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2148[a] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Salvi eccezzjonijiet ohra.*"

Illi nhar is-27 ta' Jannar, 2016 xehed **Joseph Azzopardi** ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici. Bhala xoghol huma jissuplixxu l-

irham. Jikkonferma illi l-konvenuta giet titlob xi *sponsor,* jekk mhux sejjer zbaljat fis-sena 2009 – 2010. Filfatt spjega illi l-konvenuta kienet taghmel programm dwar l-u*pkeeping* tad-dar fuq Net Television. Il-programm kien jintwera kull nhar ta' Erbgha wara nofsinhar ghall-habta tas-siegha u nofs u kien idum xi siegha u nofs u kien jinkorpora diversi *trades* u aspetti relatati maghhom. Filfatt kienet talbitu sabiex imur jitkellem fuq l-irham ghaliex huwa kien studja fuq l-irham f'Carrara gewwa l-Italja. Accetta biex imur fuq il-programm taghha u ghamlilha *slot* ta' *twenty minutes*. Filfatt kien ftiehem maghha li ghalih taghmillu reklam dwar l-irham fuq il-programmi taghha u filfatt spjega li kellha tmienja u tletin programm f'dik is-sena ghall-prezz ta' elf lira Maltin (LM 1,000). L-ewwel sena kien pro-rata ghaliex effettivament kienet diga' bdiet bil-programm. Filfatt kien thallas pro-rata ta' kemm-il darba deher ir-reklam. Filfatt kien mistieden u kien tkellem u biex jaghmel pubblicita' lid-ditta kienet talbitu biex jaghmlilha dan ir-reklam. Huwa filfatt dam erba' snin fuq il-programm taghha. Huwa filfatt kien hallas lil Carmen Mifsud l-ewwel sena pro-rata u t-tliet snin sussegwenti elf lira Maltin (LM 1,000) kull sena. Spjega li effettivament dana kien il-ftehim.

Fl-istess zmien kien qed jaghmel xi xoghol fil-proprjeta' taghha gewwa Triq Pietru Caxaro, Naxxar.

Hemmhekk kellu jaghmel xi xoghol ta' *wall cladding,* xi turgien, *surround* ta' *swimming pool* u affarijiet ohra relatati mad-dar. Ix-xoghol li hu ghamel fil-fond taghha n-Naxxar kellu valur ta' €17,946.

Spjega li effettivament kienu jingibdu wkoll *videos* ta' xoghol li kien qed isir f'din il-proprjeta' n-Naxxar biex jintuzaw fis-*slots* tieghu fuq il-programm taghha. Filfatt kienet ziedet ghoxrin minuta biex jitkellmu fuq il-binja u xoghol li kien qed isir fiha. Hi filfatt kienet tghidlu dejjem li xtaqu jhallsuh u jtuh xi haga tax-xoghol li kien ghamlilhom.

Kull meta kien se jibda l-programm, kull stagun, kien jghidilha li kienu ha jibqghu l-istess minhabba r-reklamar. Jiftakar li kien baghatilha l-kont tax-xoghol li kien ghamel gewwa darha u li kopja tieghu hija esebita fl-atti a fol. 2 u mmarkat bhala Dok. A u dan fis-sena fit-2012. Sussegwentement kien talab lil Dr. Zammit Maempel sabiex jiktbilha ufficjalment. Jaf li kien baghatilha wkoll f'Novembru 2012. Spjega li effettivament huma kienu saru hbieb u ghalhekk ma tantx ta kaz, specjalment meta kienet tghidlu li kellha thallsu. In segwitu' fl-ahhar qaltlu illi t-tmintax-il elf (€18,000) li kwazi kellha taghtih kellhom ipacu mar-riklam li ghamlitlu tul dan il-perjodu ta' zmien, meta r-riklam li hija effettivament ghamlet ghalih kien ta'

sitta u tletin minuta f'perjodu ta' tliet snin. Darba minnhom jaf li kien mar ghandha u ltaqa' maghha u mar-ragel, u hi ppruvat tikkonvincih illi l-flus li kellha ttih, kwazi tmintax-il elf (€18,000) kellhom ipacju mas-servizz li taghtu fuq il-programm taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-konvenuti nhar il-21 ta' Marzu, 2016 fejn eccepew3:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu wkoll rigettati bl-ispejjez stante li l-azzjoni attrici hija preskritta ukoll ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

**Joseph Azzopardi** rega' xehed fis-27 ta' April, 2016. Zied jghid illi Carmen Mifsud u hu kienu jitkellmu qabel il-programm in konnessjoni max-xoghol li kellu jahdmilha fil-fond taghha u qal li ripetutament din kienet tghidlu li kien hemm bzonn li thallsu akkont fuq ix-xoghol li kien qed jaghmel. Sostna li tali diskors

sar anke fil-prezenza ta' tnejn min-nies u cioe' Michael Pace Gasan, u Mark Spiteri li huwa *tile layer*.

Fil-25 ta' Jannar 2017 rega' xehed ghal darb' ohra **Joseph Azzopardi** in kontro-ezami u kkonferma li effettivament hu lesta mix-xoghol fl-istess jum li l-konvenuta ghamlet *house warming party* fid-dar taghha fil-fond Alchira, Triq Pietru Caxaro, Naxxar. Effettivament huwa minnu kif gie suggerit lilu mill-avukat difensur tal-konvenuti li l-jum meta spicca mix-xoghol kien it- 2 ta' Gunju 2012 u l-ewwel darba li hu kkomunika mal-konvenuti kien tramite *invoice* datat 5 ta' Ottubru 2012. Pero' jixtieq jghid li hu kien jaf lill-konvenuta hafna qabel. Ikkonferma li l-ittra ufficjali mibghuta minnu kienet iggib id-data 8 ta' April 2014, ghalkemm komuniki bejniethom qabel kien hemm. Jghid li effettivament l-ewwel darba l-konvenuta ma kienetx irceviet notifika u rega' hallas sabiex l-att jinhareg ghan-notifika u l-konvenuta giet notifikata mat-tieni tentattiv. Qal li jista' jkun li effettivament giet notifikata fil-11 ta' Gunju 2014. Jixtieq jghid li qabel dik id-data cioe' meta kienu jiltaqghu nhar ta' Erbgha fil-programm u qabel ma pprezenta l-ittra ufficjali dejjem kienet tweghdu li kienet se ttih akkont. Jghid li peress li kien hemm hbiberija reciproka kien jghidilha biex bhal speci tirranga hi. Qatt ma holom li kellu jasal sa hawnhekk

biex jithallas u rega' tenna li kien hemm hafna drabi li effettivament il-konvenuta kienet lesta li thallsu.

Fit-28 ta' Gunju, 2016 xehed **Michael Pace Gasan**. Dan iddikjara li hu jahdem l-irham. Ftakar li f'xi okkazjoni kien prezenti waqt li Joseph Azzopardi kien qed jitkellem ma' Carmen Mifsud fuq xi tarag. Qal illi hu kien qed jahdem bhala *sub-contractor* tas-socjeta' attrici billi kien qed jaghmel ix-xoghol tal-irham ghas-Sur Azzopardi, fejn kien qed jaghmel xi turgien. Hu kien qed jahdem fil-fabbrika u ma kienx qieghed fuq il-post. Kompla jghid li s-sinjura Carmen Mifsud kienet marret fl-ufficcju tas-Sur Azzopardi waqt li hu kien prezenti. Kienu qed jiddiskutu fuq it-tarag taghha stess. Ix-xhud qal illi din l-okkazjoni kienet madwar sentejn ilu. Kompla jixhed li huwa kellu jithallas direttament minghand is-Sur Azzopardi, ghalkemm baqa' ma thallasx ghaliex Azzopardi kien jghidlu li ma thallasx minghand Carmen Mifsud, u filfatt sal-lum il-gurnata ghadu ma thallasx. Carmen Mifsud kellha thallas lis-Sur Azzopardi, w dan skont ma qallu Azzopardi stess.

Fit-28 ta' Gunju, 2016 xehed **Mark Spiteri** li ddikjara li hu kien qed iqieghed l-irham li kien qed isir gewwa d-dar ta' Carmen Mifsud fi Triq San Pawl tat-Targa, liema xoghol tqabbad jaghmlu mis-Sur Azzopardi.

Dan qal li kien prezenti f'diversi okkazzjonijiet meta kien hemm prezenti Carmen Mifsud u s-Sur Azzopardi fir-residenza tas-Sinjura Mifsud pero' x'kienu jghidu ma jiftakarx. Qal li ma jiftakarx li s-Sinjura Mifsud qatt qalet lis-Sur Azzopardi biex thallsu akkont. Ikkonferma li huwa thallas minn Joe Azzopardi tax-xoghol li ghamel. Zied pero' li filfatt tax-xoghol li sar madwar il-pool kien thallas direttament minn Carmen Mifsud waqt li ghal xoghlijiet ohrajn thallas minn Joseph Azzopardi.

Fil- 25 ta' Jannar 2017 xehed **Paul Mifsud** li jghid li hu m'ghandu jaghti la lis-socjeta' attrici u lanqas lil Joseph Azzopardi.

Fil-25 ta' Jannar 2017 xehdet **Carmen Mifsud** li kkonfermat ukoll illi hi m'ghanda taghti la lill-attur Joseph Azzopardi u lanqas lis-socjeta' rapprezentata minnu Bottega del Marmista Limited.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta Mejju 2017.

**Ikkunsidrat.**

Illi il-fatt li taw lok ghal din il-kawza kienu is-segwenti:-

1. Illi Joseph Azzopardi xehed u spjega illi huwa ghannom tas-socjeta' attrici kien ghamel xi xoghol fid-dar proprjeta' tal-konvenuti konsistenti fil-fornitura u tqeghid ta' irham ghall prezz ta' sbatax-il elf disgha mija u sitta w erbghin Ewro (€17,946) (skond Dok. A esebit fl-atti a fol. 2).

2. Illi pero' s-socjeta attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma ta' ghaxart elef, disgha mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€10,962.75) bilanc minn somma akbar.

3. Illi l-konvenuti qed isostnu bil-gurament taghhom li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur u li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-**artikolu 2148 (a)** u/jew l-**artikolu 2149 (a)** tal-Kodici Civili.

4. Inoltre jirrizulta ukoll li l-konvenuti inghataw il-*guramento decisorio* fejn stqarrew bil-gurament taghhom li sa fejn jafu huma m' ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici u li mhumiex debituri taghha.

5. Illi Joseph Azzopardi stqarr li kien ipprezenta ittra ufficcjali kontra l-konvenuti nhar it-8 ta' April 2014

(fol. 20) u din giet notifikata lill-konvenuti nhar il-11 ta' Gunju 2014 (fol 21).

6. Jirrizulta ukoll mix-xhieda tieghu stess li x-xoghol spiccah fit-2 ta' Gunju 2012, dak l-istess jum meta l-konvenuti ghamlu '*house warming party'*.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment.</u>**

Il-konvenuti ssollevaw fin-nota ta' l-eccezzjoni taghhom tal-20 ta' Ottubru 2015, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-**artikolu 2148 (a) tal-Kap.16**, li jipprovdi li:

'*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar: (a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xog]lijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu'*.

U in segwitu' permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tat-21 ta' Marzu 2016, indikaw l-**artikolu 2149(a) tal-Kap.16** li jipprovdi li:-

"*l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni ta' l-gheluq ta' sentejn*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-preskrizzjoni kontemplata mill-konvenuti ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16, ma tolqotx l-azzjoni prezenti. Ma hemmx dubbju li l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bbazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu - ghal dik li hija preskrizzjoni - taht l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u mhux taht l-artikolu 2148(a), li ghalkemm hemm certu affinita' bejn dawn iz-zewg artikoli tal-ligi, huma pero' distinti minn xulxin.

Is-socjeta' attrici giet inkarigata mill-konvenuti sabiex tissuplixxi u twahhal l-irham fid-dar tal-konvenuti fin-Naxxar u l-materjal kollu jidher li gie provdut mill-istess socjeta' attrici. Il-konvenuti ma jikkontestawx dan il-fatt.

Il-kuntratt tal-appalt ghax-xoghol li sar mis-socjeta' attrici ma jbiddilx is-sustanza tieghu mill-fatt jekk giex redatt bil-miktub jew jekk sarx verbalment. Biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabilixxi s-

sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet.

Fil-kaz in dezamina s-socjeta' attrici qieghda tagixxi gudizzjarjament biex tkun kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma msemmija fir-rikors promotur, fejn gie allegat li l-ammont huwa dovut bhala prezz ta' xoghol rapprezentanti fornitura u tqeghid ta' irham fil-fond proprjeta' tal-konvenuti u cioe' fil-post 'Alkira', Triq Pietri Caxaro, Naxxar, f'liema prezz ghalhekk hemm inkluz ukoll il-fornitura ta' materjal, u tqeghid tax-xoghol fil-post indikat mill-konvenuti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Tommaso Pace noe –vs- Salvatore Musca**t, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fit-18 ta' Mejju 1929, gie rilevat illi d-disposizzjoni ta' l-Art 1912 (illum 2148 (a)) ta' l-Ordinanza VII tal-1868 "*non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e per i materiali da loro forniti … …*";

L-Artikolu 2148(a) jirreferi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (Kollez. Vol XLI.i.347) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2149(a) tirreferi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol –

'opus' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.' -Kollez. Vol XLII.iii.1151; '**Joseph Grech –vs-Emanuela Camilleri et'**, Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; '**Gio Maria Camilleri – vs-John Licari et**', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; '**Francis Bugeja nomine –vs-Indri Mercieca**', Appell, 29 ta' Mejju 2000. Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (Art 2148 (a)) u l-art. 2149(a) li mieghu ghandu certu affinita'.

**L-artikolu 2137 tal-Kap. 16** jipprovdi illi "*l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma tittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*". Dan il-fatt ghandu jigi stabbilit b'mod konkluziv minn min jeccepixxi l-preskrizzjoni.

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Luciano Martinelli noe vs Savour Pisani** nhar it-22 ta' Gunju 2005 jinghad li "*Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il*

*quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali*;"

Ma hemmx dubbju li l-perijodu ta' sentejn huwa perijodu ta' dekadenza u ghalhekk il-perijodu preskrittiv jibda jiddekorri mill-ghada li s-socjeta' attrici spiccat mix-xoghol taghha u cioe' ghalhekk mit-2 ta' Gunju 2012. Kif enuncjat fis-sentenza **Sammut vs Pellegrini Petit** deciza fis-16 ta' Jannar 1920 (Vol. XXiV.1.276) "*Quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anziche di prescrizione e termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu ammissibile. La dottrina pone il criterio distinto cio che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento di un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, uno non abbia i caratteri di questa, si trattera di una decadenza*"

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk iz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu sabiex l-azzjoni tigi dikjarata preskritta ghaddiex u ghalhekk il-Qorti trid tara jekk bejn iz-zmien li s-socjeta' attrici spiccat ix-xoghol u z-zmien li hija interpellat lill-konvenuti sabiex ihallsu, kienx ta' sentejn. Bhala fatt jidher li Joseph Azzopardi ghan-nom tas-socjeta' attrici spicca mix-xoghol fit-2

ta' Gunju 2012 u l-konvenuti gew interpellati gudizzjarjament ghall-ewwel darba sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficcjali prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' April 2014, pero' gew notifikati biha nhar il-11 ta' Gunju 2014 u ghalhekk oltre is- sentejn preskritti mil-ligi.

Illi Joseph Azzopardi jghid li l-konvenuta kemm-il darba qaltlu sabiex thallsu u fil-fatt jghid li dan id-diskors sar anke fil-presenza ta' tnejn min-nies u cioe' Mark Spiteri u Michael Pace Gasan. Pero' dawn iz-zewg persuni ma jikkonfermawx din it-tezi ta' Joseph Azzopardi meta gew mistoqsija fuq il-pedana tax-xhieda biex jaghmlu dan.

Skond dak li ntqal fis-sentenza indikata fil-Volum XXXVIII p III pg 723 jinghad li " *Lanqas it-trattativi li jistghu jkunu hemm bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekorrenza taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwistjoni ma jistghu ikollhom effikacja interuttiva ammeno che bhala effett u fil-kors ta dawk it-trattativi u filwaqt li jkun ghaddej iz-zmien il-venditur ma jkunx irrikonoxxa u ma jkunx ikkuntrasta l-ezistenza tal-vizzju, b'mod li biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara id-dekors taz-zmien jehtieglu jipprova li huwa fiz-zmien utili informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga u li dan, f'dan iz-zmien ipprometta li jiehu l-haga lura jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju."*

Ghalhekk dak li qal Joseph Azzopardi f'dan ir-rigward ma jaghmel l-ebda stat fil-konfront tal-eccezzjoni proposta mill-konvenuti.

Illi bhala fatt jirrizulta li bejn meta Joseph Azzopardi spicca mill-inkarigu moghti lilu u huwa interpella lill-konvenuti ghall-hlas kienu gja ghaddew is-sentejn preskritti mil-ligi sabiex tigi esperita l-azzjoni odjerna.

Per di piu' l-konvenuti hadu ukoll il-*guramento decisorio* ai termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap. 16.

L-**artikolu 2160(1) tal-Kap 16** jghid:

"2160. (1) *Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147,2148,2149,2156 u2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament,ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*"

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tikkwota minn sentenza moghtija mill-istess Qorti diversament preseduta nhar l-14 ta' Jannar, 2013 (Avviz Numru 18/12) fl-ismijiet **Kinetix IT Solutions Limited vs Advanced Business Solutions Limited** fejn inghad:

"*Il-guramento decisorio, trattat fil-Ligi nostrali taht l-* **Artikolu 2160 tal-Kap. 16** *tal-Ligijiet ta' Malta, igorr mieghu konsegwenzi legali ben specifici fl-eventwalità li r-risposta tad-debitur ghad-domanda posta mill-kreditur ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi tkun li ma huwiex fil-fatt debitur tieghu jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. In effetti f'tali cirkostanza l-Qorti tkun kostretta tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tichad it-talba tal-kreditur ghall-hlas.*

*Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet* **Zammit & Cachia Trading Co. Ltd. et vs Francis Mizzi**, *Appell Civili Nru. 1440/04 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005, fejn gie osservat illi l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa*".

Fil-kumment tieghu fid-decizjonijiet fl-ismijiet **Avv. Dr. Filippo Buttigieg vs Domenico Azzopard**i Qorti Civili, Prim'Awla, 11 ta' Dicembru, 1947, l-Onor.

Imhallef Tancred Gouder jenuncja li "*d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2265 (illum 2160) tal-Kodici Civili taghna hija dissimili mid-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan. Ghal dak il-Kodici, di fatti, il-gurament deferit lid-debitur li jopponi dawn il-preskrizzjonijiet brevi, huwa intiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodici Civili taghna l-formula tal-gurament li jigi deferit lill-pretiz debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant il-mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-hlas; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwestjoni l-estinzjoni taghha. Ghalhekk filwaqt li ghall-Kodici Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitur, skond il-Kodici taghna dawn l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anki mal-kontestazzjoni tad-debitu*".

Issokta jigi pprecizat mill-istess Imhallef insenji fis-sentenza **<u>Vincenzo Cauchi vs Giovanni Scerri</u>**, Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955, illi:-

*"fil-kaz li d-debitur jaghzel li jahlef skond l-ewwel alternattiva, l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta jekk ma jahlifx li mhux debitur. Jekk hu jahlef li ma jafx li ghandu jaghti, il-gurament tieghu ma jiswiex biex*

*isostni l-preskrizzjoni, ghax li ma jafux li l-haga ghadha dovuta jistghu jahilfu biss il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-ohrajn li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minn dik il-persuna*".

Ghall-kompletezza tal-kwadru fuq din it-tematika, il-gurisprudenza taghna tipprovdi dawn ir-riljievi:-

(1) Imiss lill-parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddeferixxi l-gurament lill-eccipjent. Jekk hi ma tiddeferrix il-gurament il-Qorti ma tistax tordnah *ex officio* – **Diego Attard nomine vs Angelo Fenech** Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965;

(2) Bhala regola generali d-dilazzjoni ta' dan il-gurament minhabba n-natura tieghu, ghandha ssir wara li jkunu gew maghrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni jew sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun giet eccepita, u mhux qabel – **Inginier Francesco M. Caruana vs Konti Francesco Sant Cassia et nomine** Appell Civili, 11 ta' Ottubru, 1940;

(3) Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx

jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur – **Vincenzo Vella v. Carmela armla Sciberras** Qorti Civili, Prim' Awla, 16 ta' Jannar, 1963; **Salvatore Jacono vs Vincenza vedova Serra** Appell Civili, 4 ta' Frar, 1927;

(4) Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili – **Tabib Principali tal-Gvern vs Giorgina Muscat** Appell Inferjuri, 8 ta' Marzu 1978. Ara wkoll **Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Emanuel Aquilina nomine et**, Prim'Awla, 14 ta' Dicembru, 2001; **FX Borg Furniture Limited vs Sandro Galea**, Prim'Awla, 7 ta' April, 1998.

Illi fil-kaz in desamina ghalhekk b'zieda tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-

Kap. 16, il-konvenuti ikkonfermaw bil-gurament taghhom li m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici u ghalhekk ikkonfermaw li mhumiex debituri taghha.

**In vista tal-provi prodotti u dak li ntqal aktar 'il fuq, din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 u konsegwentement tiddikjara l-azzjoni bhala wahda preskritta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici.**

**Bl-ispejjez tal-procedura odjerna a karigu ta' l-istess socjeta attrici.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**